MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' April, 2007

Avviz Numru. 563/2005

**Steven Micallef Zammit ID 507577(M)**

**vs**

1. **Alfred Bianchi ID 427442(M)**
2. **Romaro Limited C-17478**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fl-1 ta' Dicembru 2005 fejn talab lil din il-Qorti tordna r-revoka tal-Mandat ta' Qdid kawtelatorju numru 2062/05 Dok "A" fuq l-oggetti maqbuda b'dan il-mandat prevja d-dikjarazzjoni li l-oggetti huma proprjeta' tal-attur u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.
Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Romaro Limited fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament in-nullita' tal-azzjoni odjerna stante li ma hix il-procedura idoneja ai termini tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess it-talba kif intavolata hija opponibbli stante li l-attur ma jistax jitlob ir-revoka ta' mandat fih inniffsu in vista tal-fatt li ma jinsabx mahrug kontra tieghu izda se mai r-revoka tal-esekuzzjoni tal-istess mandat fuq l-oggetti maqbuda.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, fi kwalunkwe kaz u fuq il-meritu t-talba tal-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li hi ghal kollox infondata kemm fattwalment u kif ukoll ugwalment kif ser jigi ppruvat waqt s-smiegh ta' din il-kawza u kif gia jinsab indikat fl-atti tal-istess mandat.

4. B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett illi l-konvenut Alfred Bianchi permezz ta' verbal tas-17 ta' Mejju 2006 (fol 23) iddikjara li jaghzel illi jibqa' kontumaci u ghalhekk il-kawza pprocediet fil-konfront tas-socjeta' Romaro Limited.

Fl-ewwel eccezzjoni taghha din is-socjeta' eccepiet illi l-procedura mhijiex wahda idonea u bin-nota taghha tat-28 ta' Novembru 2006 (fol 25) irreferit ghall-Artikolu 283 A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jghid *"minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, min jinhareg kontrih att ezekuttiv jista' jaghmel rikors lil dik il-Qorti li tkun harget dak l-att fejn jitlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox sew f'parti minn biss,*

*ghal raguni valida skond il-ligi.”* Permezz ta’ dan l-artikolu s-socjeta’ konvenuta qieghda tghid illi l-attur messu mexa bil-procedura tar-rikors u mhux b’dak aktar formali ta’ l-avviz.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti ma jidhirlhiex li din hija l-interpretazzjoni korretta illi ghandha tinghata lil dan l-artikolu. Minn osservazzjoni aktar fil-fond jirrizulta illi dana japplika biss ghal *“min jinhareg kontrih att ezekuttiv.....”* ghalhekk ir-rikors jista’ jigi uzat biss minn dik il-persuna illi tkun irceviet l-att ezekuttiv u cioe’ l-intimat. Terza persuna trid tipprocedi permezz ta’ citazzjoni jew inkella b’avviz. F’din il-kawza ghandna terza persuna li qieghed jipprocedi peress illi l-partijiet originali tar-rikors promotur huma Romaro Limited vs Alfred Bianchi. L-attur Steven Micallef Zammit ma jiffigura mkien, lanqas fil-lista ta’ l-oggetti illi qabad il-marixxall permezz ta’ dan ir-rikors u ghamel biss dikjarazzjoni fl-ahhar illi *“oggetti elenkati hawn fuq huma ta’ Darren Micallef....”* Ghalhekk la l-attur dehrlu li kellu jaghmel xi opposizzjoni ghall-esekuzzjoni tal-mandat fuq imsemmi li ncidentalment huwa wiehed ezekuttiv u mhux kawtelatorju kif allega l-istess attur, allura kellu juza l-procedura formali dik ta’ l-avviz kif ghamel f’dan il-kaz. Ghalhekk il-Qorti ma jidhirliex li l-procedura uzata m’hijiex wahda idonea, anzi hija konformi mal-ligi u timmerita konferma. Ghalhekk il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tan-nullita’ tas-socjeta’ konvenuta Romaro Limited.

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda l-meritu l-Qorti ssib illi m’ghandha assolutament xejn fuq x’hiex timxi. Minkejja li l-kawza kienet ilha differita diversi drabi sabiex l-attur jaghti x-xhieda tieghu dana qatt ma deher, sakemm fl-ahhar l-avukat tieghu stess hass illi kellu jaghmel dikjarazzjoni li minkejja illi kkomunika ma’ l-attur, l-istess attur naqas illi jmur ikellmu dwar il-kaz u ghalhekk il-Qorti halliet din il-kawza ghas-sentenza.

Huwa principju stabbilit fl-ordni guridiku taghna li min jallega jrid jipprova. Hemm diversi gradi ta' prova illi attur jista' jgib skond il-Qorti li jkun qieghed jidher fiha. F'dik tac-civil irid jipprova almenu l-grad ta' probabilita' abbinat mal-konvinciment morali sabiex il-Qorti tasal ghas-success ta' l-istanza tieghu. Pero' xi prova trid tingieb, ghax jekk le, l-attur ma jistax jippretendi illi t-talba tieghu tintlaqa'. F'din il-kawza kif gia nghad l-attur ma gab l-ebda prova u ghalhekk it-talba tieghu ma tistax tigi milqugha, lanqas fil-konfront tal-kontumaci Alfred Bianchi ghax minkejja illi dan ma wegibx u ghazel illi jibqa' kontumaci, ma jfissirx illi l-attur jista' jiehu sentenza favur tieghu jekk ma jsegwix il-procedura rikjesta f'tali cirkostanzi. Fuq dan ma sar xejn u ghalhekk il-Qorti ma tarax kif tista' tilqa' t-talba ta' l-attur fil-konfront taz-zewg konvenuti msemmija.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------